TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 35/16-F

Angelo Schembri
Vs
Di Natura

Illum, 20 ta' April, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Frar, 2016, fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn Ewro (€200) rappreżentati prezz ta' inverters li kellhom l-ħsara u ma ġewx mibdula.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li t-Tribunal innota li is-soċjeta' ntimata ma attendietx għas-seduta minkejja li kienet notifikata, u kif ukoll ma ppreżentatx risposta, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti kien xtara sistema ta' pannelli mingħand is-soċjeta' ntimata u dan kellu problemi f'żewġ inverters ta' żewg pannelli. Minkejja li r-rikorrenti kien ilu jilmenta ma' l-intimat sabiex jipprova jsewwihom, dan qatt ma sewwihom.

Ir-rikorrenti talab mitejn Ewro (€200) fit-talba.

L-intimat ma attendiex għas-seduta u lanqas issottometta risposta.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888